# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ — ĠUNJU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1975

**EDITORJAL:**

# L-AKKADEMJA U L-MEMBRI AKKADEMIĊI

*L-Akkademja hija istituzzjoni serja u għolja bħalma hemm f'pajjiżi oħra li jirrispettaw lilhom infushom, li fiha numru ta' nies jingħatalhom il-ġieħ li jidħlu fiha għall-ħidma siewja li jkunu wettqu għal Ilsien Art twelidhom.*

*L-Akkademja tal-Malti llum tiġbor fiha madwar 80 ruħ li taw kontribut għal Ilsien Art twelidna. Jiddispjaċina ngħidu illi fost dawn insibu xi wħud li tilfu l-interess li wrew fil-bidu u nsew l-Akkademja u la qatt jidhru fil-laqgħat li jkollha u anqas ma baqgħu jħallsu t-tisħib tagħhom bħala membri.*

*Jista' jagħti l-każ ukoll li xi wħud kienu jeħtieġu l-isem ta' membri akkademiċi għal ċertu żmien jew ċirkostanzi u wara l-Akkademja nsewha. Ix-xewqa tagħna hi li dawn jerġgħu iqanqlu l-interess li kellhom qabel lejn il-Malti.*

*Imbagħad b'sogħba kbira wieħed jintebah li l-Akkademja ma tħaddanx nisa bħala membri tagħha ħlief waħda, is-sinjorina Mary Rose Gatt. B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), għalliema fl-Iskola Għolja Sekondarja. Ftit ilu mietet il-membru l-oħra li kien hemm, il-poetessa Mary Meilak. Vojt li nixtiequ tassew li jintela. Nixtiequ naraw iktar nisa jieħdu sehem attiv fil-ħidma tal-Malti u jsiru membri akkademiċi.*

*Mhux talli ma għandniex nisa bħala membri akkademiċi, imma ftit huma dawk in-nisa li s'issa tħajru jħaddmu l-pinna tagħhom bil-Malti. U f'din il-linja jeħtieġ li wieħed jagħmel il-ħila tiegħu ħalli jrawwem tfajliet b'talent għall-kitba ħalli jiżviluppaw dan it-talent tagħhom. Il-laqgħat li dan l-aħħar għamlet l-Akkademja, mibnija fuq is-sillabus tal-iskola fejn laqqgħet il-pubbliku mal-kittieba tal-Malti jistgħu jiswew mhux ħażin u għalhekk wara s-suċċess li kellhom ta' min jerġa' jagħmilhom għall-bidu tas-sena skolastika li ġejja.*

*Biex jikber l-interess fl-Akkademja u fil-membri jeħtieġ forsi li l-Kunsill jistħarreġ kif jista' jlaqqa' kulltant il-membri akkademiċi f'laqgħat soċjali u kulturali għax il-membri akkademiċi mhumiex bħall-membri ta' xi union li jiltaqgħu għall-elezzjoni ġenerali u, jekk jit-taqgħu, ma jkollhom ebda interess ieħor matul ħajjithom. L-Akkademja hija nieqsa mill-fondi u għalhekk issib ruħha marbuta u mxekkla f'ċerta ħidma fejn jidħlu l-ispejjeż. Imma dawn ħwejjeġ li huma marbutin ma' xulxin.*

*L-Akkademja jeħtiġilha dar xierqa tagħha fejn tista' tibni librerija xierqa bil-Melitensia. Għaliex id-dar tal-Akkademja għad ma għand-hiex l-isbaħ ġabra ta' Melitensia? Teħtieġ dar fejn il-membri tagħha jkunu jistgħu jiltaqgħu u jwettqu xi ħidma. Nerghu ntennu dak li għedna f'editorjali oħra: Huwa dnub u għajb kbir għal pajjiżna li naraw għaqdiet kulturali u filantropiċi ta' pajjiżi oħra jifthu f'artna ċentri kulturali megħjuna mill-gvernijiet tagħhom b'eluf ta' liri u pajjiżna għadu bla ċentru. Uħud iħobbu jgħajru lil ta' qabilna għax il-Malti kien imkasbar. Lilna ta' warajna għad igħajruna ferm iktar għax ħadna ħsieb nipprovdu lil għaqdiet ta' din ix-xeħta ta' pajjiżi oħra u lil tagħna ma tajniex każhom; meta forsi ma nħarrsux lejhom b'xi daħka ta' disprezz.*

*L-Akkademja toħroġ 'Il-Malti' r-rivista tagħha li minn twelidna baqgħet dejjem ħarġa ta' kull tliet xhur. U qed jiġri li minn ikollu xi kontribuzzjoni letterarja x'jagħmel jaqta' qalbu għax jara li jrid jisten-na ħafna biex tidher. U allura jew ma jiktibx jew, jekk jikteb, jip-publikaha band'oħra. 'Il-Malti' li qed nippublikaw qed ikun ippublikat b'telf kbir.*

*Nixtiequ li 'Il-Malti' jieħu r-ruħ, joħroġ kif awgurajna fil-ħarġa ta' xi sena ilu u jibda jidher darba fix-xahar. Hekk ikun jista' jippub-lika iktar kontribuzzjonijiet letterarji u studji serji. Imma għal dan jeħ-tieġ li l-membri jikkooperaw ħalli jxerdu 'Il-Malti'. Jekk il-prezz isir £1 fis-sena forsi jkun possibbli li 'Il-Malti' jibda joħroġ kull xahar bar-ra Lulju u Awissu. It-tama tagħna hi li dan iseħħ. Nixtiequ li l-membri jfissrulna l-fehma tagħhom fuq dan u juruna li lesti jikkooperaw.*

*It-tama tagħna hi li naraw il-membri akkademiċi miġbura flim-kien jaħdmu u jaqsmu l-interessi li għandhom. Nixtiequ naraw studji serji ippublikati fi 'Il-Malti' li jagħmlu isem lil min jiktibhom u lil art twelidna. 'Il-Malti' jrid kun l-ħolqa li tgħaqqad u tagħti ħajja lill-mem-bri u lill-Akkademja nnifisha.*